Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 37/2016

**Marco Camilleri**

**Vs**

**Malta International Airport plc**

19 ta' Frar, 2018.

1. B'decizjoni tas-6 ta' Dicembru, 2016 it-Tribunal Industrijali cahad l-eccezzjoni tas-socjeta appellanti li r-rikors promotur sar *fuori termine*. It-Tribunal qal:

   *"Dan it-Tribunal huwa tal-fehma li l-Appell huwa parti importanti mill-process kollu u jekk jaccetta d-data ta' terminazzjoni kif indikat fir-risposta tas-socjeta jigifieri dik tal-10 ta' Settembru meta fil-fatt il-process dixxiplinarju kien ghadu miftuh, ikun qieghed johloq precedent u jaghti x'jifhem li l-appell huwa parti kozmetika u mhux daqstant necessarja jew rilevanti; u wkoll ihoss li r-rikorrent ma seta' qatt jibda proceduri fit-Tribunal Industrijali meta ghadu bit-tama li waqt is-smigh tal-Appell s-sentenza tigi revokata bi klemenza; u jekk fil-fatt is-socjeta tigi nfurmata li nfetah kaz quddiem it-Tribunal, dan inaqqas u mhux izid ic-cans ta' xi forma ta' rikonciljazzjoni jew egevolar lejn ir-rikorrent. Fir-cirkostanzi dan it-Tribunal huwa tal-fehma li dan kien process ivvizjat ladarba kien ghadu miftuh il-process dixxiplinarju u fl-istess waqt inharget id-data tat-terminazzjoni. Irrelevanti li l-ETC (issa maghruf JOBSPLUS) giet ikkomunikata lilha d-data tal-10 ta' Settembru ghaliex il-Korporazzjoni hija biss regolatur u tirregistra dak li jkun ikkomunikat lilha"*.

2. Fit-23 ta' Frar, 2016 Malta International Airport plc (l-appellanti) appellat mid-decizjoni. L-aggravji tal-appellanti huma:

   i. It-Tribunal Industrijali ddecieda *ultra vires* ghaliex filwaqt li qal li l-perjodu ta' erba' xhur li jissemmew fl-artikolu 75(3) tal-Kap. 452 huma perjodu ta' dekadenza u kellu jibda mill-10 ta' Settembru 2015, imbaghad jittenta jestendi dak il-perjodu minhabba li l-proceduri nterni komplew wara li gie tterminat l-impieg tar-rikorrent.

   ii. It-Tribunal Industrijali skarta l-evidenza li l-impieg gie tterminat fl-10 ta' Settembru, 2015. Fit-*termination form* stess li l-principal baghat lil Jobsplus, id-data ta' terminazzjoni tal-impieg giet dikjarata li hi l-10 ta' Settembru, 2015. Dan apparti d-deposizzjoni ta' Lombardi, kap tar-rizorsi umani mas-socjeta appellanti.

3. Marco Camilleri (l-appellat) ma wegibx u lanqas ma kien prezenti ghas-seduta.

4. Fil-qosor 'il fatti huma:-

   i. L-appellat kien jahdem mal-appellanti.
   ii. L-appellanti, b'ittra datata 10 ta' Settembru, 2015, infurmatu li l-bord ta' dixxiplina kien sabu hati tal-akkuza li saritlu u li l-ahhar gurnata ta' impieg tieghu kienet l-10 ta' Settembru, 2015. Pero' fl-ittra nfurmatu wkoll, *"If you do not agree with the Board's decision, you have the right to appeal by following the procedure detailed in the Company's Procedure for the Administration of Discipline"*.
   iii. B'ittra datata 27 ta' Ottubru, 2015 l-appelat gie nfurmat li l-appell kien michud; *"The appeal was heard by Mr Antoine Degiovanni, in line with the Company's Procedure for the Administration of Discipline. In view of the outcome of the appeal's board, the Company's decision to terminate your employment with effect from 10th September 2015 is hereby being confirmed. A copy of the Appeals Board decision is being attached"*.
   iv. Fit-23 ta' Frar, 2016 ir-rikorrenti ipprezenta rikors quddiem it-Tribunal Industrijali minhabba li jsostni li tkecca ingustament, u talab lit-Tribunal sabiex *"(1) jiddikjara li l-kuntratt ta' impieg gie terminat ghal ragunijiet ingusti (2) tillikwida dik is-somma spettanti lill-esponenti bhala danni ghat-tkeccija ingusta minnha subita"*.
   v. Permezz ta' eccezzjoni preliminari, is-socjeta konvenuta qalet li *"... it-talbiet tar-rikorrent huma preskritti ai termini tal-Artikolu 75(3) tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk ghandhom jigu michuda"*. Id-decizjoni tat-Tribunal tas-6 ta' Dicembru, 2016 titratta dik l-eccezzjoni.

5. L-artikolu 75(3) tal-Kap. 452 jipprovdi:

   *"(3) Kull referta magħmula skont is-subartikolu ta' qabel dan, għandha ssir permezz ta' dikjarazzjoni li ssemmi l-fatti tal-kawża, ippreżentata fir-reġistru tat-Tribunal u għandha, fil-każijiet kollha, hekk tiġi ppreżentata mhux iktar tard* ***minn erba' xhur*** ***<u>mid-data effettiva tal-ksur allegat</u>****"*.

   Fil-ligi mhemmx definizzjoni tal-kliem *"mid-data effettiva"*.

6. L-appellanti qeghda ssostni li r-rikorrent tkecca fl-10 ta' Settembru, 2015, skont dak li nkiteb f'ittra bl-istess data. Tina Lombardi, impjegata tas-socjeta appellanti, xehedet li l-ahhar gurnata ta' impieg kienet 10 ta' Settembru, 2015 u li wara dakinhar l-impjegat *"was struck off the payroll"*.

7. Il-qorti ma taqbilx mat-tezi tas-socjeta appellanti li l-perjodu ta' erba' xhur beda jiddekorri mill-10 ta' Settembru, 2015:

    i. Skont The Procedure for the Administration of Discipline, l-impjegat ghandu dritt ta' appell. Klawzola 3.10 tipprovdi, *"An appeal from the decisions of the Disciplinary Board shall be available to the employee and to the Company. Any such appeal shall be made to the Appeals Board appointed in conformity with the provisions of section 5"*.

    ii. Kien il-principal innifsu li fl-ittra tal-10 ta' Settembru, 2015 gharraf lill-impjegat li kellu dritt li jappella mid-decizjoni tal-Bord ta' Dixxiplina, skont *'the Company's Procedure for Administration of Discipline'*. Id-data tal-10 ta' Settembru 2015 bhala d-data ta' terminazzjoni tal-impieg hi inkompatibbli mal-ghoti tad-dritt ta' appell, u li jfisser li d-decizjoni tal-bord ta' dixxiplina mhijiex finali. Tant hu hekk li klawzola 3.9 tipprovdi li fil-kaz ta' 'serious offences' il-kap tal-Human Resources *".... May, at his complete discretion, suspend the charged employee on half basic pay for the period during the disciplinary process contained in this agreement is concluded* ***(i.e. from the issue of the charge until a final decision by the Appeals Board)****, or for any part of that period......"*

    iii. Hu ovvju li kieku l-appellant ippropona l-proceduri fit-Tribunal Industrijali qabel inghata l-ittra tas-27 ta' Settembru 2015, il-proceduri quddiem it-Tribunal kienu jkunu intempestivi ghaliex il-process ta' dixxiplina kien ghadu ghaddej minhabba li l-appellat appella mid-decizjoni tal-Bord ta' Dixxiplina. L-appell sar proprju biex tigi mistharrga d-decizjoni tal-Bord ta' Dixxiplina. Sa dak iz-zmien id-decizjoni tal-Bord ma kinitx finali. Ghalhekk il-principal ma setax ikecci lill-impjegat, iktar u iktar meta tikkunsidra li l-principal hatar persuna biex jisma' u jiddeciedi l-appell li ppropona l-appellat.

    iv. Il-qorti ma tistax tifhem kif principal igharraf lill-impjegat li tkecca u fl-istess nifs jinfurmah li ghandu dritt li jappella mid-decizjoni tal-Bord ta' Dixxiplina, u sahansitra jipprovdi ghal dak il-process billi jappunta l-persuna li ghandha tippresjedi l-Bord tal-Appell.

    v. Ladarba l-impjegat gie nfurmat li kellu dritt jappella mid-decizjoni tal-Bord ta' Dixxiplina[1], appella u dak l-appell gie ikkunsidrat u nghatat decizjoni, fl-*interim period* ir-rikorrent kien ghadu impjegat. Il-Procedure for the Administration of Discipline stess tipprovdi fi klawzola 5.3 li l-Bord tal-Appell, *".... will be empowered to decide on the guilt or*

[1] Kif wara kollox kellu d-dritt li jaghmel skont il-*Procedure for the Administration of Discipline* stabbilita mill-istess socjeta appellanti (ara Dok. RS1 a fol. 41).

*otherwise of the employee on charge. They can also make reference to relevant circumstances that in their opinion mitigate or aggravate the guilt, if the employee is found guilty of the charge".* Ghalhekk hu evidenti li qabel ikun hemm decizjoni tal-Bord tal-Appell, il-process ta' dixxiplina ghadu pendenti. Hu biss wara li jtemm dak il-process li l-Kap Ezekuttiv jista' jimponi fuq l-impjegat dak kontemplat fi klawzola 4.

vi. Fl-ahjar ipotezi ghall-principal ladarba rrikonoxxa li l-appellat ghandu jedd jappella u sahansitra nnomina persuna biex jisma' u jiddeciedi l-appell, id-decizjoni tal-10 ta' Settembru, 2015 kienet semmai mehuda taht kundizzjoni li l-bord tal-appell jichad l-appell. Kien ghalhekk fid-data li l-impjegat gie avzat li l-appell tieghu gie michud u li d-decizjoni ta' tkeccija giet konfermata, li l-appellant seta jipproponi proceduri fit-Tribunal Industrijali.

8. Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-proceduri quddiem it-Tribunal Industrijali saru entro t-terminu kontemplat fil-ligi gialadarba fil-fehma tal-qorti d-data effettiva tat-tkeccija kien meta l-appellat kien infurmat bl-ezitu tal-process tal-appell.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellanti.**

**Tordna lir-Registratur sabiex minnufih jibghat lura l-atti tal-kaz quddiem it-Tribunal Industrijali sabiex jissokta bis-smiegh tal-kaz.**

Anthony Ellul.